**NEWSHEET TAL-GĦAQDIET KATTOLIĊI**
Segretarjat għall-Apostolat tal-Lajċi

IL-KURJA, KAXXA POSTALI 1 TRIQ IR-REPUBLIKA, VICTORIA, VCT 1013, GHAWDEX, MALTA.
TEL: (00356) 2155 6661 - (00356) 2155 6427 - (00356) 2155 1211 FAX: (00356) 2155 1278

**NRU. 413.** **Mejju 2011**

**TIFKIRA TA' SAN ĠUŻEPP ĦADDIEM**
**IL-ĦADD 1 TA' MEJJU 2011**
**Festa tal-Ħniena Divina u Beatifkazzjoni f'Ruma tal-Papa Ġwanni Pawlu II**

F'dan il-jum inpoġġu lilna nfusna bħala ħaddiema fil-għalqa tal-Mulej taħt it-protezzjoni ta' San Ġużepp Patrun tagħna l-Ħaddiema. Inħarsu dan il-jum billi nqaddsuh u nagħmlu talb speċjali biex jgħinna u jħarisna fl-appostolat tagħna.

---

**Jum Dinji ta' Talb minn Nisa Kattoliċi**

Laqgħa ta' Talb fid-Dar Ċentrali tal-Azzjon Kattolika, Triq Sir Arturo Mercieca, Victoria nhar it-Tlieta, 3 ta' Mejju 2011 mid-9.00am sal-10.30am Preżenti ser ikun hemm l-Isqof t'Għawdex Mons Mario Grech fejn jippresiedi Konċelebrazzjoni. In-Nisa kollha u anke reliġjużi nisa huma mistiedna għal din il-Laqgħa ta' Talb mal-Isqof. Araw Programm mqassam.

---

**It-48 KUNGRESS DJOĊESAN TAX-XIRKA tal-ISEM IMQADDES TA' ALLA**
**IL-ĦADD 8 ta' Mejju 2011 - fil-Parroċċa tal-Qala**
SUĠĠETT: "Araw il-Ħaruf ta' Alla li jneħħi d-dnub tad-Dinja ". Ġw.1 :29

Imexxi KORTEO L-E.T. MONS MARIO GRECH ISQOF T' GĦAWDEX
fil-5.00pm minn ħdejn il-Knisja tal-Kunċizzjoni għall-Pjazza tal-Parroċċa

---

**PELLEGRINAĠĠ għal fuq il-Qabar ta' San Ġorġ Preca**
**It-Tnejn 9 ta' Mejju 2011**
(Tluq: Vapur tal-4.30pm – Lura: Vapur tad-9.30pm)

---

## FESTA FAMILJA
## IL-ĦADD 15 ta' Mejju 2011

Fl-okkażjoni tal-Jum Dinji ddedikat lill-familja,il-Kummissjoni Djoċesana Familja qed torganizza festafamilja, nhar il-Ħadd 15 ta'Mejju, fil-Kumpless Sportiv ir-Rabat, mis-6.00pm sat-8.00pm Tkun laqgħa ta' ferħ għall-familji kollha, bis-suġġett: "Flimkien fl-Imħabba". Ikun hemm Kant, Żfin, plays u testimonjanzi dwar is-sbuħija tal-familja. Is-serata tintemm bil-Kelma tal-Isqof Mario Grech. Kulħadd mistieden! Tingħata tifkira lil kull min jattendi!

---

**Dehriet tal-Madonna ta' Fatima**

Nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Mejju jibdew id-dehriet tal-Madonna ġewwa Fatima. Programm fil-Knisja ta' Ħamet: Fil-5.30 pm tibda l-Adorazzjoni Ewkaristika Solenni mmexxija mill-Azzjoni Kattolika t'Għawdex Fis-6.30pm Quddiesa Konċelebrata mmexxija mill-E.T. Mons Mario Grech Isqof t'Għawdex fejn jinawgura Kampanja favur « AMBJENT MORALMENT NADIF » fl-istess Knisja organizzata mill-Azzjoni Kattolika t'Għawdex wara jsir pellegrinaġġ ta' talb bl-istatwa tal-Madonna ta' Fatima u fl-aħħar barka sagramentali. Dawn id-dehriet jitkomplew kull 13 tax-xahar sa Ottubru.

---

**SONG FESTIVAL MARJAN**
**IS-SIBT, 21 TA' MEJJU 2011**
**ORATORJU DON BOSCO, VICTORIA**

Il-Leġjun ta' Marija f'Għawdex ser jorganizza s-Song Festival Marjan nhar is-Sibt, 21 ta' Mejju 2011 filgħaxija fl-Oratorju Don Bosco fis-7.30 pm. Il-Biljetti jinkisbu mill-Post tal-Leġjun fi Pjazza Santu Wistin, Victoria.

# Kalendarju Pastorali
# Mejju 2011
# Numru 413

| | |
|---|---|
| 1.Ħadd | **It-Tieni Ħadd tal-Għid jew il-Ħadd Festa tal-Ħniena Divina** Messalin Sena A / **Tifkira ta' San Ġużepp Ħaddiem.** Patrun tal-Ħaddiema. / **Seminar** organizzat mill-Kummissjoni Djoċesana għall-Persuni b'Diżabilità dwar il-ħtiġijiet tal-persuni u l-familji fejn hemm xi diżabilità (Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb – 4.00pm). Mistieden kulħadd / Films għall-Familja fl-Oratorju Don Bosco, Victoria fis-6.00pm |
| 2.Tnejn | San Atanasju, Isqof u Duttur tal-Knisja- Tifkira (O). Jiftħu l-**APPLIKAZZJONIJIET** GĦAL STUDENTI MINN YEAR 1 SA YEAR 6 biex jimtlew postijiet vojta fl-iskejjel primarji tal-Knisja. L-applikazzjonijiet jinġabru mill-Kurja. |
| 3.Tlieta | San Filippu u San Ġakbu, Appostli – Festa. / WUCWO DAY (AK). Jum Dinji ta' Talb min-Nisa Kattoliċi – Fid-dar Ċentrali tal-Azzjoni Kattolika, mid-9.00 -10.30am Ikun hemm ukoll konċelebrazzjoni preseduta minn Mons Isqof Mario Grech / Laqgħa għaż-Żgħażagħ Għawdxin f'Malta fil-Kappella - Università – 7.15pm |
| 4.Erbgħa | Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani fis-Sala taċ-Ċentru Pastorali, Victoria fit-8.30 am./ Laqgħa tal-Kummissjoni Djoċesana Familja Ċentru Pastorali Familja Ragħaj it-Tajjeb fis-7.00pm / L-Ewwel Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 5.Ħamis | Laqgħa għall-għalliema tal-Yr.4 tal-Iskejjel tal-Knisja (Laura Vicuna). |
| 6.Ġimgħa | San Ġorġ, Martri, Patrun tal-Belt Vittorja u Protettur tal-Għawdxin, festa fil-Belt Victoria u fid-Djoċesi tifkira (O). L-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi. Seminar bi tħejjija għaż-żmien matul is-sena għall-membri tal-KLP u għal min għandu ministeru liturġiku (Ċentru Parrokkjali Munxar – 6.00pm) / Seminar għall-membri tal-KPF (Kummissjoni Familja). |
| 7.Sibt | Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewkaristiku fil-Parroċċa tal-Qala li jibda fit-8.30 pm. |
| **8.Ħadd** | **It-Tielet Ħadd tal-Għid**. Messalin sena A. Ċenaklu A.K. fit-8.30am / **Jum l-Omm**. Nitolbu għall-Ommijiet tagħna ħajjin u mejtin / Festa tal-Madonna ta' Pompej – Knisja ta' Pompej Victoria. F'nofsinhar l-ET Mons Isqof Mario Grech imexxi s-**Supplika tal-Madonna ta' Pompej**. It-48 Kungress **Djoċesan tax-Xirka** tal-Isem Imqaddes ta' Alla - Parroċċa tal-Qala. |
| **9.Tnejn** | **San Ġorġ Preca** – presbiteru u fundatur tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, M.U.S.E.U.M.- Festa. **PELLEGRINAĠĠ** GĦAL FUQ IL-QABAR TA' SAN ĠORĠ PRECA, Blata l-Bajda. Tluq mal-vapur tal-4.30pm. Lura mal-vapur tad-9.30pm. Biljetti mill-Oqsma tal-Museum / Laqgħa AKSK Primarja Konservatorju. |
| 11.Erbgħa | It-Tieni Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 12.Ħamis | Laqgħa għall-Għalliema tal-Year 5 tal-Iskejjel tal-Knisja (Laura Vicuna). |
| 13.Ġimgħa | **L-Ewwel dehra tal-Madonna ta' Fatima** f'Ta' Ħamet fil-5.30pm Adorazzjoni u fis-6.30pm quddiesa mill-E.T. Mons Mario Grech (ara programm quddiem).Ftuħ tal-Kampanja tal-Purezza A.K. Seminar għall-membri tal-KPF (Kummissjoni Familja.) |
| 14.Sibt | San Mattija, Apostlu, - Festa. **/Jum internazzjonali tal-Familji** (NU). Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku fil-Knisja ta' Savina , Victoria li jibda fit-8.30 pm. |
| **15.Ħadd** | **Ir-Raba' Ħadd tal-Għid.** Messalin Sena A . It-48 Jum il-Vokazzjonijiet / Jum Internazzjonali tal-Familja (NU) – **Festa tal-Familja (Kummissjoni Familja) fil-Kumpless Sportiv ta' Għawdex /** Ġabra **Obolo ta' San Pietru** fil-knejjes kollha. |
| 17.Tlieta | Quddiesa għall-Persuni Separati (KDF – Manresa 8.00pm). |
| 18.Erbgħa | Laqgħa tal-Kunsill Kapijiet Skejjel tal-Knisja.(Konservatorju Sek.) / It-Tielet Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 19.Ħamis | Laqgħa għall-għalliema tal-Yr.6 tal-Iskejjel tal-Knisja (Laura Vicuna). |
| 20.Ġimgħa | Kwizz għat-tfal tal-Azzjoni Kattolika Dar Ċentrali A.K. |
| 21.Sibt | **Song Festival Marjan** fl-Oratorju Don Bosco, Victoria fis-7.30pm Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati fil-Parroċċa ta' San Lawrenz li tibda fis-7.00pm bil-Quddiesa. Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. fil-Kappella tal-Oratorju Don Bosco, Victoria li jibda fit-8.30pm |
| **22.Ħadd** | **Il-Ħames Ħadd tal-Għid**. Messalin sena A. |
| 25.Erbgħa | Ir-Raba' Erbgħa ta' Santa Marija |
| 27.Ġimgħa | Laqgħa għall-persuni f'relazzjoni barra miż-żwieġ (KDF – Manresa fit-8.00pm) **Velja ta' Talb** għall-Ordinazzjonijiet fis-Seminarju fid-9.00pm |
| 28.Sibt | **Ordinazzjoni tal-Presbiteri** fil-Katidral fis-6.00pm Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku fil-Parroċċa ta' San Ġorġ, Victoria ,jibda Fit-8.30pm |
| **29.Ħadd** | **Is-Sitt Ħadd tal-Għid** – Messalin sena A / Festa ta' San Pawl Nawfragu - Parroċċa Munxar. |
| **31. Tlieta** | Iż-Żjara tal-Verġni Mqaddsa Marija lil Santa Eliżabetta – Festa / Konsagrazzjoni tal-Familji f'għeluq ix-xahar tal-Madonna. Jum Dinji kontra t-Tipjip (NU) / Laqgħa għall-Persuni Separati. (KDF). |

*Maħruġa mis-Segretarjat għall-Appostolat tal-Lajċi*
*Kurja ta' l-Isqof - Victoria – Għawdex*